MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 482/2003

**Bank of Valletta p.l.c**
**Vs**
**Joseph Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet: illi permezz ta' tlett kuntratti datti 16 t'Awissu 1984, 19 ta' mejju 1987 u 2 ta' Novembru 1989 in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri (Dok. "A", "B", u "C") is-socjeta' attrici ikkoncediet "Loan Facilities" lill-konvenut Joseph Bartolo;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Joseph Bartolo fis-somma ta' disat elef u tnejn u sebghin Liri Maltin u disgha u tletin centezmu (LM 9,072.39) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Joseph Bartolo mal-Bank of Valletta plc (Dok. "D1 sa D7") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t'April, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi l-konvenut gie nterpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 23 t’Ottubru 1998 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “E”, sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadempjenti.

Jghid il-konvenut ghaliex m’ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Joseph Bartolo jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disat elef u tnejn u sebghin Liri Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm 9,072.39) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Joseph Bartolo mal-Bank of Valletta plc (Dok. “D1 sa D7”) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t’April 2003 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 23 t’Ottubru 1998 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xhieda ta’ tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Rat in-nota prezentata fl-10 ta’ Dicembru 2003 li biha s-socjeta’ attrici rriduciet t-talba taghha ghall-ammont ta’ LM 8513.48 oltre l-imghax mill-1 ta’ Ottubru 2003;

Semghet ix-xhieda ta’ tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat ta’ tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici limitatament ghall-amont fuq indikat flimkien mal-imghax relattiv u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-imsemmi ammont ta’ tmient elef hames mija u tlettax-il Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu flimkien mal-imghax legali u l-ispejjez kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------